**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Mejju 2017

Rikors Guramentat numru : 177/13 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Hilda Ellul Mercer b'digriet tal-15 ta' Jannar 2014 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti CD persuna ta' nazzjonalita Libjana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-16 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, skond kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn esebit, anness u mmarkat Dok. 'A';

2. Illi mill-unjoni ta’ bejn il-partijiet ma twieldux tfal;

3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi referibilment l-abbandun tal-intimat li circa sentejn (2) mid-data taz-zwiegtelaq mid-dar matrimonjali u ma rritornax lura u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi l-attrici ilha sa miz-zmien illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali ma tisma b’ahbaru u ma’ ghandha ebda kuntatt mieghu jew ma familjari tieghu;

5. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi illum il-gurnata l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli u ma tezizti ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi l-attrici qeghda titlob sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-16 ta’ Ottubru, 2002 ai termini ta’ l-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u inoltre sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddisponi mutatis mutandis ai termini ta’ l-Artikolu 66D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mit-talbiet imressqa mill-attrici, liema talbiet huma ai termini tas-Sub titolu III tat-Titolu I tal-Ewwel ktieb tal- 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mahsuba illi jistghu isiru f’kawza ta’ separazzjoni personali u jinghataw id-disposizzjonijiet kollha sussegwenti necessarjii u ancillari;

7. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti di xjenza propria;

Talbet in vista ta’ dak kollu premess li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna il-pronunzjament ta’ divorzju bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.
2. Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbilit fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-16 ta’ Ottubru, 2002 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Tiddikjara illi l-intimat ddekada mill-fakulta li jitlob u/jew jircievi xi forma ta’ manteniment u dan ghar-ragunijiet kif premessi.
5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe proprjeta komuni ohra eziztenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.
6. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti jew b’xi mod iehor komproprjeta taz-zewg partijiet f’zewg ishma illi in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess.
7. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-intimat jirritorna l-beni kollha parafernali tal-attrici jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.
8. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigireġistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Hilda Ellul Mercer, li permezz taghha eccepew : (fol. 30)

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimati;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Hilda Ellul Mercer;

Rat l-affidavit tal-attriċi u l-atti kollha tal-proċediment.

Semgħet ix-xhieda.

Rat illi l-konvenut Amer Saih deher quddiem il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2015, debitament assistit;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat[1], naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu; Illi għalhekk huwa kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2017[2].

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess it-3 ta' Mejju 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għal separazzjoni fil-kawża odjerna titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[3].

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Issir referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet *inter alia*, il-pronunċja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut.

[1] Bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Fol. 66 tal-proċess.

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-fatti f'din il-kawża qed jiġu kkompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` d-deposizzjoni tal-attriċi fl-affidavit tagħha[4] fejn hija xehdet fil-qosor:

(a) Wara relazzjoni ta' ftit ġimgħat biss, il-koppja iżżewġet fis-16 t'Ottubru 2002, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 1803/2002[5];

(b) Huma marru jgħixu ġo flat furnished bil-kera;

(c) Xi sentejn wara ż-żwieġ, marret lura d-dar u ma sabitux hemm u lanqas l-affarijiet tiegħu ma kien hemm; Pruvat tagħmel kuntatt miegħu iżda ma rnexxielhiex għax qisu sparixxa fil-vojt; Tilfet kull kuntatt kemm miegħu kif ukoll mal-familja tiegħu;

(d) Miż-żwieġ ma twieldux tfal;

(e) Bejn il-koppja, m'hemm l-ebda propjeta` komuni għaliex ma kienu xtraw xejn iżda kienu jinqdew b'dak li kien hemm fil-flat;

(f) L-attriċi taħdem u m'hijiex titlob manteniment mingħand il-konvenut;

PRINĊIPJI LEGALI

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attriċi tiffonda l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni minn ma' żewġha fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

[4] Fol. 34 tal-proċess
[5] Fol. 4 tal-proċess

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[6] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[7] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...*"

Il-firda personali motivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai

[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[8];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw

---

[8] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[9]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL- KAŻ ODJERN

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut sia mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun dam iktar minn sentejn. Jirriżulta illi huwa telaq mid-dar matrimonjali lejn is-sena 2004 u cioe wara sentejn miż-żwieġ u baqa' sal-lum qatt ma rritorna. Għalhekk ilu nieqes għal iktar minn tlettax-il sena u konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tal-intimat li ma jerġax imur jgħammar mar-rikorrenti.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tal-attriċi jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ. Din ix-xiehda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-abbandun hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta.

[9] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Dwar it-talba għad-divorzju, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom de facto separati għal iktar minn tlettax-il sena, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara d-divorzju bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tapplika kontra l-intimat l-effetti tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili;

[3] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, stante li din ġiet diġa` deċiża;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimat iddekada mill-fakolta` li jitlob u/jew jirċievi xi forma ta' manteniment mingħand l-attriċi;

[5] Tilqa' limitatament il-ħames talba tar-rikorrenti billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet;

[6] Tiċħad is-sitt talba tar-rikorrenti stante illi m'hemmx lok ta' likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti;

[7] Tiċħad is-seba’ talba tar-rikorrenti;

[8] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat, b’dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur